**QORTI CIVILI**
**PRIM’AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 10 ta’ Dicembru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 877/2015 AF**

**Mapfre Middlesea plc (C-5553) hekk kif issurrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Conrad Galea sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Conrad Galea**

**vs**

**Jeffrey Psaila**

**u**

**Untours Insurance Agents Limited (C-5655) f’isimhom proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà assikuratrici estera Qatar Insurance Company (QIC) International LLC**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fid-19 ta' Frar 2015 fi Triq l-Imtarfa, l-Imgarr sehh incident awtomobilistiku bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CGV 057 tal-ghamla Isuzu tat-tip Trooper misjuqa mill-intimat Jeffrey Psaila u assigurata mas-socjetà assiguratrici intimate, u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni OOM 003 tal-ghamla BMW tat-tip M3 misjuqa minn u proprjetà tal-assikurat tas-socjetà rikorrenti, r-rikorrenti Conrad Galea. Kopja tat-Traffic Accident Report tal-kollizzjoni in kwistjoni qed jigi hawn anness u mmarkat Dokument "A".

L-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-intimat Jeffrey Psaila minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess intimat Psaila, meta habat fil-vettura tar-rikorrenti Galea li kienet stazzjonarja fil-mument tal-incident u dana kif ser jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bhala konsegwenza ta' dan l-incident, il-vettura proprjetà tar-rikorrenti Conrad Galea sfat distrutta tant li giet meqjusa bhala *constructive total loss* u dana skond is-survey report hawn anness u mmarkat Dokument "B".

Id-danni kollha sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-incident fuq imsemmi jammontaw ghal erba' u ghoxrin elf u erbghin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€24,040.76) liema somma tinkludi l-hlas fl-ammont ta' erba' u ghoxrin elf Ewro (€24,000) (Dokument "C") li effettwat is-socjetà rikorrenti lill-assikurat taghha Conrad Galea abbazi tal-polza tat-tip *comprehensive* rapprezentanti l-*pre-accident value* tal-vettura (skond *survey report* hawn anness u mmarkat Dokument "D") bit-tnaqqis tar-*wreck value* u s-*survey fees* li ghamlet tajjeb ghalihom is-socjetà rikorrenti, kif ukoll l-ammont ta' sittin Ewro (€60) imhallas mir-rikorrenti Conrad Galea bhala *policy excess* (Dok. "E").

L-intimati gew interpellati sabiex jersqu ghall-hlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti b'rizultat tal-incident imsemmi, izda baqghu inadempjenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat Jeffrey Psaila unikament responsabbli ghall-incident li sehh fid-19 ta' Frar 2015 fi Triq l-Imtarfa, l-Imgarr bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CGV 057 u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni OOM 003 tal-ghamla BMW tat-tip M3 u dana minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

2. Konsegwentement tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza diretta tal-istess incident fis-somma ta' erba' u ghoxrin elf u erbghin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€24,040.76) jew kwalunkwe somma ohra verjuri li tigi llikwidata minn din l-Onorabbli Qorti okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Konsegwentement tikkundanna lill-intimati flimkien u in solidum bejniethom in linea ta' danni l-ammont hekk illikwidat.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimati li huwa minn issa stess ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament ir-rikors guramentat in mertu huwa null ai finijiet u effetti kollha tal-ligi stante li huwa bbazat fuq surroga li hija maghmula b'mod ghal kollox irregolari stante li hija kondizzjonata.

Bla pregudizzju ghas-suespost ghall-incident in kwistjoni ma kienx jahti Jeffrey Psaila.

Ghalhekk it-talbiet attrici kif diretti fil-konfront tal-intimat ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Preliminarjament ir-rikors guramentat promotur odjern huwa null stante li huwa msejjes fuq surroga irregolari u kkundizzjonata.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux minnu li l-incident in kwistjoni sehh minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-eccipjent.

It-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa ghamel il-claim relattiv mas-socjetà assikuratrici tieghu sabiex, jekk ikun il-kaz, isir il-hlas favur min sofra danni mill-incident in kwistjoni.

Il-pendenza li fadal, se mai, hija biss fil-konfront tas-socjetà Untours Insurance Agents Limited.

Ghalhekk l-eccipjent m'ghandu ibati l-ebda spejjez gudizzjarji rigward dawn il-proceduri.

B'rizerva ghal eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat is-sentenza preliminari tal-5 ta' Ottubru 2016 li permezz tagħha ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni preliminari taż-żewġ konvenuti.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti ssib illi l-konvenut Jeffrey Psaila huwa responsabbli għall-inċident stradali li seħħ dakinhar tad-19 ta' Frar 2001 bejn il-vettura misjuqa mill-attur Conrad Galea u dik misjuqa mill-imsemmi konvenut u assigurata mas-soċjetà konvenuta u konsegwentement, tikkundanna lill-konvenuti, flimkien u in solidum bejniethom, iħallsu d-danni lis-soċjetà attriċi, assiguratriċi tal-attur, fl-ammont ta' €24,040.76.

Milli provi prodotti jirriżulta li fid-19 ta' Frar 2015, fi Triq l-Imtarfa, Imġarr, seħħ inċident stradali bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CGV 057 tal-għamla Isuzu Trooper misjuqa mill-konvenut Jeffrey Psaila, assigurata mal-assiguratriċi konvenuta u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni OOM 003 tal-għamla BMW tat-tip M3 misjuqa mill-attur u assigurata mal-assiguratriċi attriċi. Peress illi l-attur kien assigurat mal-attriċi permezz ta' polza tat-tip *fully comprehensive*, huwa għamel *claim* u l-attriċi aċċettat illi tħallsu s-somma ta' €24,000 bħala l-valur fuq il-vettura li kawża tal-inċident ġiet meqjusa bħala *constructive total loss* filwaqt illi l-attur ħallas is-somma ta' €60 bħala *policy excess*. Peress illi l-attriċi deherilha li għall-inċident kien jaħti l-konvenut, hija pruvat tiġbor il-flus li ħallset lill-assigurat tagħha mingħand is-soċjetà konvenuta li madanakollu baqgħet tirrifjuta li tħallas.

Iż-żewġ sewwieqa jaqblu fil-verżjoni tagħhom dwar id-dinamika tal-inċident. L-attur kien wieqaf fuq *stop sign* jistenna sabiex joħroġ għal fuq it-triq prinċipali filwaqt li l-konvenut kien qiegħed isuq fl-imsemmija triq prinċipali meta waqalu l-*mobile* minn fuq id-*dashboard*, tbaxxa biex jiġbru u ġibed l-*isteering wheel* fuq ix-xellug bir-riżultat li seħħ impatt bejn il-vettura tiegħu u dik tal-attur. Is-sewwieqa ma sofrewx ġrieħi kawża tal-inċident.

Fil-mertu, iż-żewġ konvenuti jeċċepixxu li l-inċident in kwistjoni ma kienx tort tal-konvenut Jeffrey Psaila. In linea ta' prinċipju ġenerali, kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Dottor Louis Bianchi noe vs Michelle Cassar, deċiż"a fis-6 ta' Novembru 1998:

*"Huwa ndubitat li l-konvenuta, kif jissottometti l-attur, kienet obbligata żżomm a proper look out, speċjalment fi triq bħal din in kwistjoni. Infatti, fis-sentenza ferm studjata fl-ismijiet* ***Giuseppa Debono vs Philip Camilleri et****, (Vol. XLVI.I.112), l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kellha l-okkażjoni tgħid li "tnejn huma l-prinċipji ġeneralment akkolti fid-duttrina u fil-ġurisprudenza estera u lokali, in materja ta' inċideni ta' traffiku stradali, li għandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jiġifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi, bħalma huma l-ħin ta' bil-lejl, il-viżwali ostakolati bid-dlam u bix-xita, il-piż tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti oħra kontinġenti u (b) hu anke dmir ta' sewwieq li jżomm dik li komunement tissejjaħ a reasonable look out, liema dmir iġib miegħu li s-sewwieq jara dak li jkun raġonevolment viżibbli..."*

Fil-kawża fl-ismijiet John Soler et vs Claire Gove et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta' Ottubru 2003, intqal hekk:

*"Principju legali relatat, anzi inerenti ghall-premess, hu dak li jimponi fuq kull sewwieq l-obbligu li fis-sewqan tieghu jzomm a proper look out. Dan l-obbligu huwa korollari ghal-principju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn bonus paterfamilias u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkotanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwezna tat-traffiku fit-triq principali, id-dawl, il-vizwali u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq li jrid jinserixxi ruhu go main road."*

Dwar ir-responsabbiltà għal dak li seħħ, huwa prinċipju stabbilit skont l-artikolu 1031 tal-Kapitolu 16 li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu. Artikolu 1032 imbagħad jgħid espressament illi jitqies fil-ħtija min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Dan sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (artikolu 1132 tal-Kodiċi Ċivili) kif ukoll dak extra kontrattwali (artikolu 1032 imsemmi). B'mod partikolari, skont l-artikolu 1033, kull min,

bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mill-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.

Applikat dan kollu għall-kawża tal-lum, din il-Qorti ma tistax ħlief tasal għall-konklużjoni li l-inċident seħħ tort tal-konvenut meta tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu waqt li kien qiegħed jitbaxxa biex jiġbor il-*mobile*.

Madanakollu, filwaqt illi l-konvenut mar jiftaħ *claim* mas-soċjetà konvenuta, jirriżulta li din tal-aħħar irrifjutat kemm li tħallas lill-konvenut assigurat tagħha u kif ukoll li tirrifondi lill-attriċi s-somma li ħallset lill-attur.  Dan għaliex l-assiguratriċi konvenuta bdiet tinsisti li kellha raġunijiet tajba biex tissuspetta li dan kien każ ta' *insurance fraud*.  Hija fil-fatt inkarigat lill-espert forensiku Mario Buttigieg sabiex iħejji rapport dwar l-inċident fejn ukoll esprima d-dubji tiegħu dwar il-verżjoni tas-sewwieqa.

Mill-investigazzjonijiet li għamlet il-konvenuta rriżultalha li fil-passat iż-żewġ vetturi involuti fl-inċident kienu rreġistrati fuq l-attur, li huwa *second hand car dealer*.  B'żieda ma dan, minkejja li dakinhar tal-inċident fuq il-post kienu marru żewġ gwardjani lokali sabiex iħejju rapport dwar kif seħħ l-inċident, dawn ma għamlu l-ebda skizz tal-inċident biex ma jpoġġux lilhom infushom f'periklu.  Rapport lill-pulizija l-konvenuta qatt ma għamlet.  Ta' min jinnota wkoll li filwaqt illi rappreżentanti tal-konvenuta xehdu li kien is-*surveyor* inkarigat minnhom li ġibdilhom l-attenzjoni li kien hemm xi ħaġa suspettuża, meta xehed quddiem il-Qorti, huwa ma qal xejn minn dan filwaqt illi l-P.L. Mario Buttigieg qatt ma tressaq sabiex jixhed dwar ir-rapport tiegħu.

L-assiguratriċi attriċi kienet kuntenta bil-verżjoni taż-żewġ sewwieqa dwar kif seħħ l-inċident u allura għażlet li tħallas lill-attur assigurat tagħha bir-riżerva espressa li l-attur ikollu jirrifondi s-somma li rċieva jekk mill-investigazzjonijiet li kienu għaddejjin jew mill-eżitu ta' din il-kawża kellu jirriżulta li seħħew xi irregolarijiet relatati mal-*claim* in kwistjoni.

Jirriżulta li l-konvenuta għalqet l-investigazzjoni tagħha fil-mori ta' dawn il-proċeduri.  L-Avukat Dottor Simon Micallef Stafrace

in rappreżentanza tal-konvenuta xehed li l-konklużjoni tal-investigazzjoni tagħhom dwar l-inċident in kwistjoni kienet fis-sens illi ma seħħ l-ebda frodi. Minkejja li ntqal li l-konvenuta kienet għalhekk ħallset lill-konvenut assigurat tagħha, dan ma kienx korrett xejn u l-konvenut fil-fatt tħallas wara li kellu jerġa jagħmel talba f'dan is-sens.

Wara li evalwat il-provi kollha prodotti, din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn għandha titbiegħed mill-verżjoni tas-sewwieqa dwar kif seħħ l-inċident. Mill-provi rriżulta ċar u tond illi fil-fatt l-inċident seħħ meta l-konvenut tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu u ħabat fil-vettura tal-attur li kienet wieqfa. Isegwi għalhekk illi l-ewwel talba tal-atturi fis-sens illi l-konvenut għandu jiġi misjub responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża għandha tintlaqa'.

Nonostante l-fatt li anke l-assiguratriċi konvenuta waslet għal din il-konklużjoni, jidher li din baqgħet qatt ma assumiet ir-responsabbiltà tal-assigurat tagħha għall-inċident u lanqas ma ħallset lill-atturi s-somma mitluba in linea ta' danni.

Dwar il-kwantum tad-danni ma hemmx kontestazzjoni. L-assigurazzjoni attriċi sofriet telf fis-somma ta' €24,040.76 u hija din is-somma li għandha dritt tirkupra mingħand il-konvenuti.

Finalment, il-konvenut jeċċepixxi li huwa għamel il-*claim* relattiva mal-konvenuta assiguratriċi tiegħu sabiex jekk ikun il-każ, isir il-ħlas. Ikompli billi jeċċepixxi li allura l-azzjoni attriċi kellha ssir kontra l-assiguratriċi tiegħu biss u huwa m'għandux ibati l-ispejjeż ta' din il-kawża.

Filwaqt li huwa minnu li l-konvenut ipproċeda skont il-polza tal-assigurazzjoni tiegħu u fetaħ il-*claim* mal-konvenuta, fir-relazzjoni ta' bejn il-konvenuti, l-atturi ma jiffigurawx u l-imsemmija polza hija *res inter alios acta* għall-atturi. Bħala l-persuna li kkawżat l-inċident, a tenur tal-artikoli 1031 et seq tal-Kap. 16, ma jistax jingħad li din il-kawża ma kellhiex issir kontrih. Il-Qorti żżid tgħid li għalkemm l-artikolu 9A tal-Att dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' terzi persuni (Kap. 104) jikkonċedi d-dritt lid-danneġġjat li jfittex ukoll lis-soċjetà assiguratriċi ta' min ikun ikkawża d-dannu, dan ma

jipprekludix l-azzjoni kontra l-istess persuna/i li jikkawżaw dannu bil-vettura assikurata.

Madanakollu, il-Qorti taqbel mal-konvenut li din l-istorja qatt ma kellha twassal sa dan il-punt u għaldaqstant, huwa m'għandux ibati l-ispejjeż ta' din il-proċedura.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tilqa' t-tieni talba fis-somma ta' erbgħa u għoxrin elf u erbgħin Ewro u sitta u sebgħin Ċenteżmu (€24,040.76);

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom iħallsu lill-attriċi s-somma ta' erbgħa u għoxrin elf u erbgħin Ewro u sitta u sebgħin Ċenteżmu (€24,040.76) bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

L-ispejjeż tal-kawża, inkluż dawk tas-sentenza in parte tal-5 ta' Ottubru, 2016 jitħallsu mis-soċjetà assiguratriċi konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG